**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 514/2019 JVC**

**Abdulkarim Alawad u Alaa Homsi personalment u bhala kuraturi ad litem tal-minuri Gamal Abdulkarim u dan b'digriet tat-18 ta' Gunju, 2019**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Abdulkarim Alawad et pro et noe kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. Illi l-atturi zzewgu gewwa Damascus, Syria fil-14 ta' Novembru 2015 (Dokument A) u ghandhom zewgt itfal fosthom Gamal li twieled fil-12 ta' Settembru 2018 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv sitt elef mija u tletin (6130) tas-sena elfejn u tmintax (2018) anness u mmarkat Dokument B;

2. Illi l-kunjom tal-missier u cioe' l-attur Abdulkarim Alawad huwa ALAWAD kif jirrizulta mill-kopja tal-karta tal-identita' tieghu annesssa u mmarkata Dokument C;

3. Illi bi zball fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Gamal (Dokument B) l-isem tal-missier u cioe' Abdulkarim gie annotat bhala il-kunjom bil-konsegwenza li l-kunjom tal-minuri gie registrat li huwa l-isem tal-attur Abdulkarim minflok ALAWAD li huwa l-kunjom propju;

4. Illi l-atturi ma jafux jaqraw bil-lingwa Maltija u Ingliza u ma indunawx b'dan l-izball meta rregistraw it-twelid fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

5. Illi fic-certifikat tat-twelid in ezami kull fejn hemm indikat il-kunjom tal-missier bi zball tnizzel Abdulkarim minflok il-kunjom ALAWAD;

6. Illi ghalhekk fl-att tat-twelid tal-minuri, il-kunjom ghandu ikun ALAWAD;

7. Illi r-rikorrenti minuri hekk kif irrapprezent mill-genituri tieghu ghandu interess illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni sabiex kunjomu jigi indikat bhala "ALAWAD" u dana a

tenur tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili li jaghti l-jedd lill-esponenti li jitolbu ghar-registrazzjoni tal-kunjom li bih huwa konsistentement maghruf u li jitolbu li jsiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Atti tat-Twelid u fl-atti kollha tal-istat civili tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti nomine umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti minuri, huwa "Gamal ALAWAD" u mhux "Gamal Abdulkarim" u dan ai termini tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap.16;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tal-minuri li jgib in-numru progressiv 6130 tas-sena 2018, u dana billi jsiru l-korrezzjonijet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismu jigi indikat u jkun maghruf bhala "Gamal ALAWAD" kull fejn ikun hemm mehieg;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijet kollha necessarji fl-att tat-twelid tal-minuri u dana billi isem il-missier ikun indikat bhala Abdulkarim u l-kunjom Alawad kull fejn jirrizulta fic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv 6130/2018;

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonjiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u

evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi bla hsara ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrileva li ma huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-minuri Gamal Abdulkarim twieled gewwa Malta nhar it-12 ta' Settembru 2018 lil Alawad Abdulkarim u Alaa Homsi, u dan kif jixhed proprju l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 6130 tas-sena 2018, li huwa anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala 'Dok. B';

4. Illi Artikolu 4 sub-inciz 3 tal-Kodici Civili jistipula: "*Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jizdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha";*

5. Illi fid-dawl tal-premess, id-Direttur konvenut jirrileva illi gialadarba l-minuri Gamal Abdulkarim twieled gewwa Malta, Artikolu 4 sub-inciz 3 tal-Kodici Civili kellu japplika. Dan ifisser illi l-minuri mat-twelid tieghu kellu bilfors jassumi kunjom missieru;

6. Illi l-pern tal-kwistjoni kollha si tratta proprju liema hu kunjom il-missier u dan stante l-fatt li numru ta' dokumenti juru li kunjom il-missier huwa *'Abdulkarim'* u ohrajn juru li l-kunjom huwa *'Alawad'*;

7. Illi d-Direttur konvenut jissottolineja illi fil-mument ta' registrazzjoni tat-twelid tal-minuri, liema talba tinsab hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 1', jidher li gie ddikjarat mill-genituri stess li isem il-missier huwa *'Alawad '*filwaqt li l-kunjom huwa *'Abdulkarim'*. Tali dikjarazzjoni giet sussegwentament iffirmata mill-imsemmija genituri u dan kif jixhed l-Att tat-Twelid tal-minuri, anness mar-rikors promotur;

8. Illi maghdud mal-premess, l-esponent jaghmel ukoll referenza ghall-applikazzjoni tal-Kummissarju tar-Refugjati gewwa Malta, liema applikazzjoni qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 2'. F'din l-applikazzjoni jidher illi r-rikorrent iddikjara mal-Kummissarju tar-Refugjati gewwa Malta mal-wasla tieghu f'dawn il-gzejjer illi l-'*Family Name*' huwa '*Abdulkarim*' u li ismu huwa '*Alawad*';

9. Illi in vista tal-premess huwa car illi ma kien hemm l-ebda nuqqas jew ommissjoni da parti d-Dipartiment, izda rregistra t-twelid tal-minuri skont l-informazzjoni li giet pprovduta u ddikjarata lilu;

10. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent ha konjizzjoni tad-traduzzjoni tac-certifikat taz-zwieg li gie anness mar-rikors guramentat li jistabillixxi illi isem ir-rikorrent huwa '*Abdulkarim*' u kunjomu huwa '*Alawad*' . Madanakollu, fic-cirkostanza, l-esponent huwa tal-umli fehma illi stante d-diskrepanza fid-dikjarazzjonijiet u d-dokumenti in kwistjoni, ikun idoneju illi jigu pprovduti lil din l-Onorabbli Qorti kopja originali tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent, tal-Family Book u tal-Att taz-Zwieg tieghu. Permez ta' tali dokumenti biss, wiehed ikun jista' verament jasal ghal konkluzjoni ta' x'inhu precizament il-kunjom tar-rikorrent;

11. Illi in vista tal-premess, l-esponent huwa tal-umli fehma illi f'kaz illi r-rikorrent jipprovdi kopja tad-dokument surreferiti, liema dokumenti jkunu ghas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, huwa jirrmetti ruhu ghall-gudizzju tal-istess Qorti. Madanakollu, f'kaz li tali dokumenti ma jigux ezebiti, huwa tal-umli fehma illi t-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jigu akkolti minn din il-Qorti;

12. Illi fi kwalunkwe' kaz, l-esponent jirrileva illu huwa rregistra t-twelid tal-minuri skont l-obbligi tieghu ai termini tal-ligi u stante li

ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tieghu, huwa ma ghandux ikun soggettat ghall-ispejjez tal-azzjoni odjerna;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 22 ta' Ottubru 2019 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tat-talba odjerna, r-rikorrenti qed jitolbu l-bdil tal-kunjom ta' binhom Gamal fic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv sitta, wiehed, tlieta, zero (6130) tas-sena elfejn u tmintax (2018) stante li jsostnu li bi zball isem il-missier 'Abdulkarim' gie ndikat bhala l-kunjom bir-rizultat li l-iben inghata bhala kunjom isem missieru u mhux kunjomu li r-rikorrenti jsostnu li huwa 'Alawad'.

Id-Direttur intimat da parti tieghu jinsisti li in vista tad-dokumentazzjoni konfliggenti esebita mar-rikors guramentat u dik a disposizzjoni tad-Direttur, r-rikorrenti kellhom jiprovdu aktar evidenza sabiex jissostanzjaw it-talba taghhom. Fi kwalunkwe kaz isostnu li l-izball ma sarx b'xi tort da parti tieghu.

Rat illi permezz ta' nota esebita mir-rikorrenti waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019 gew esebiti kopji ta' numru ta' dokumenti ufficcjali

b’uhud minnhom bi traduzzjoni ufficjali li jindikaw minghajr dubju li kunjom ir-rikorrent huwa dak ta’ ‘Alawad’ filwaqt li ismu huwa dak ta’ ‘Abdulkarim’. Fost dawn id-dokumenti l-Qorti taghmel referenza partikolari ghas-‘Civil Status Certificate’ tal-missier esebit a fol. 47 u 48 u l-kopja tal-passaport Sirjan tal-missier a fol. 51 tal-process.

Illi in vista tad-dokumentazzjoni kollha esebita fl-atti u partikolarment in vista tar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti gew sufficjentement pruvati kif ukoll il-korrezzjoni mitluba hija fl-ahjar interess tal-minuri filwaqt li ma jirrizultax li jista’ jkollha xi effett negattiv fuq terzi, u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa’ l-istess.

Stante li ma jirrizultax li l-izball sehh minhabba xi agir da parti tal-intimat l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti minuri, huwa “Gamal ALAWAD” u mhux “Gamal Abdulkarim” u dan ai termini tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap.16;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tal-minuri li jgib in-numru progressiv sitta, wiehed tlieta, zero (6130) tas-sena elfejn u tmintax (2018), u dana billi tordna li jsiru l-korrezzjonijet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-

twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismu u kunjomu jigi indikati u jkun maghruf bhala "Gamal ALAWAD" kull fejn ikun hemm mehieg;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijet kollha necessarji fl-att tat-twelid tal-minuri u dana billi isem il-missier ikun indikat bhala 'Abdulkarim' u l-kunjom 'Alawad' kull fejn jirrizulta fic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv sitta, wiehed tlieta, zero (6130) tas-sena elfejn u tmintax (2018);

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2019**